**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru: 1155/2022DC**

***l-Avukat Dottor Louis Pulliċino bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rapprezenza ta' Keith Jefferey Algie u Mark John Wilson ta' RSM UK Restructuring LLP, 6th Floor, 25 Farringdon Street London, EC4A 4AB, fil-kapaċita' tagħhom ta' Joint Trustees in Bankruptcy ta' Michael James Halligan***

***vs***

***L-Avukat Dottor Yanika Bugeja u l-Prokuratur Legali Davina Ellul Sullivan bħala kuraturi deputati nominati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Michael James Halligan, detentur tal-Passport tar-Renju Unit bin-numru 104720883 ta' 16, Meadow Oak Drive, Drive, Liverpool, L25 3SZ, ir- Renju Unit.***

Illum, 22 ta' Mejju, 2023

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta'l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine ppreżentat fis-7 ta' Diċembru 2022, permezz ta' liema ppremetta s-segwenti:-

> *1. Illi dan ir-rikors qed jiġi ppreżentat ai termini tal-Artikolu 826 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiġi rikonoxxut u infurzat Malta Bankruptcy Order u ċioè sentenza tal-County Court ta' Liverpool tas-7 ta' Lulju 2021 fil-proċeduri b'numru 0132/2020, liema sentenza sabet lill-intimat Michael James Halligan fallut u appuntat liż-żewġ rikorrenti s-Sur Algie u s-Sur Wilson bħala l-Bankruptcy Trustees tiegħu.*
>
> *2. Illi l-Bankruptcy Order, bħala sentenza mogħtija minn qorti kompetenti, saret res judicata u ma tressaq l-ebda appell minnha;*

*3. Illi Alexander Stephen Thompson, avukat Ingliż u d-direttur ta' Gateley Legal, ir-Renju Unit, jixhed li skont il-Bankruptcy Order kif ukoll il-liġi applikabbli ċioè l-liġi Ingliża, eżatt malli jiġi maħtur Bankruptcy Trustee, il-proprjetà kollha tal-fallut taqa' taħt il-poter tiegħu, u dan skont Artikolu 306 tal-Insolvency Act 1986 (liġi Ingliża):*

*"(1) The bankrupt's estate shall vest in the trustee immediately on his appointment taking effect or, in the case of the official receiver, on his becoming trustee.*

*(2) Where any property which is, or is to be, comprised in the bankrupt's estate vests in the trustee (whether under this section or under any other provision of this Part), it shall so vest without any conveyance, assignment or transfer."*

*4. Illi kif huwa spjegat minn din ix-xhieda esperta, anke assi sitwati barra mir-Renju Unit jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-falliment, u jaqgħu taħt il-kontroll tal-Bankruptcy Trustee sakemm din l-ordni tiġi rikonoxxuta u infurzata mill-qrati tal-pajjiż rilevanti (ara f'dan is-sens is-sentenza Sanders v Donovan 20121 ikkwotata minn Alexander Thompson fl-opinjoni legali tiegħu);*

*5. Illi għalhekk ir-rikorrent nomine għandu interess jeżegwixxi l-Bankruptcy Order ġewwa Malta kontra l-intimat Michael Halligan, peress illi mir-riċerki li saru jidher li hemm proprjetà immobbli fil-Portomaso Complex li tappartjeni lill-intimat, u li issa skont il-Bankruptcy Order waqgħet taħt il-kontroll tal-Bankruptcy Trustees appuntati:*

*l-utile dominum temporanju għall-bqija tal-perjodu ta' mija u ħamsin (150) sena, liema perjodu beda fid-dsatax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija erbgħa u sittin (19/05/1964) tal-immobbli sitwat fil-Portomaso Development/Complex aċċessibbli minn Triq il-Knisja u Triq is-Spinola, Paceville, fil-limiti ta' San Ġiljan, jikkonsisti fis-segwenti:*

*(a) L-appartament internament innumerat tnejn u għoxrin (22), fil-Blokk '12', fil-Kumpless (definit fil-kuntratt ta' akkwist minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Att Pubbliku"), liema appartament qiegħed fil-livell tat-tieni sular li jiġi t-tielet sular ikkalkulat minn-naħa tal-Marina (definit fl-Att Pubbliku) u tmiss*

*fix-Xlokk mal-moll tal-Marina tal-Portomaso Development, fil-Majjistral mill-imsemmija triq ta' aċċess fil-Portomaso Development, u fil-Punent minn appartament ieħor li jifforma parti minn Portomaso Development;*

(b) *Spazju għall-parkeġġ tal-karozzi fil-Kumpless tal-Garaxx (kif definit fl-Att Pubbliku), internament innumerat elfejn mija tnejn u erbgħin (2142), liema spazju għall-parkeġġ tal-karozzi qiegħed fil-livell magħruf bħala Minus 2 (-2) (kif imfisser fl-Att Pubbliku) u aċċessibbli minn entratura komuni fit-triq li tmiss mat-Triq il-Knisja fil-Portomaso Development u li tmiss fil-Majjistral mat-triq ta' aċċess imsemmija, fil-Lbiċ mal-moll tal-Marina tal-Portomaso Development u fil-Punent u fil-Lvant mal-proprjetà tal-Portomaso Development Limited jew is-suċċessuri tagħha. L-ispazju ta' parkeġġ ikejjel madwar ħdax-il punt tnejn metri kwadri (11.2m2)*

*6. Illi għalhekk qed isir dan ir-rikors sabiex il-Bankruptcy Order tiġi rikonoxxuta u infurzata Malta skont il-liġi applikabbli, u sabiex l-poteri tal-Bankruptcy Trustees skont il-liġi Ingliża jiġu rikonoxxuti u infurzati fir-rigward tal-proprjetà li tinsab il-Portomaso Complex u kwalunkwe proprjetà oħra li Halligan jista' jkollu Malta;*

U wara li hekk ippremetta, talab lil din il-Qorti

*i. Tiddikjara eżegwibbli u konsegwentement tordna r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni f'Malta tal-Bankruptcy Order datata s-7 ta' Lulju 2021 mogħtija mill-County Court ta' Liverpool, fil-proċeduri bin-numru 0132/2020 a tenur ta' Artikolu 826 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħalikieku kienet sentenza minn dina l-Onorabbli Qorti li permezz tagħha l-intimat Michael James Halligan ġie ddikjarat fallut u bħala Bankruptcy Trustees il-Qorti nnominat lill-Keith Jefferey Algie u Mark John Wilson;*

*ii. Tiddikjara u tordna għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi illi l-pussess tal-Proprjetà u ċioè l-utile dominum temporanju għall-bqija tal-perjodu ta' mija u ħamsin (150) sena, liema perjodu beda fid-dsatax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija erbgħa u sittin (19/05/1964) tal-immobbli sitwat fil-Portomaso Development/Complex aċċessibbli minn Triq il-Knisja u Triq is-Spinola, Paceville, fil-limiti ta' San Ġiljan, jikkonsisti fis-segwenti:*

*a. L-appartament internament innumerat tnejn u għoxrin (22), fil-Blokk '12', fil-Kumpless (definit fil-kuntratt ta' akkwist minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Att Pubbliku"), liema appartament qiegħed fil-livell tat-tieni sular li jiġi t-tielet sular ikkalkulat minn-naħa tal-Marina (definit fl-Att Pubbliku) u tmiss fix-Xlokk mal-moll tal-Marina tal-Portomaso Development, fil-Majjistral mill-imsemmija triq ta' aċċess fil-Portomaso Development, u fil-Punent minn appartament ieħor li jifforma parti minn Portomaso Development;*

*b. Spazju għall-parkeġġ tal-karozzi fil-Kumpless tal-Garaxx (kif definit fl-Att Pubbliku), internament innumerat elfejn mija tnejn u erbgħin (2142), liema spazju għall-parkeġġ tal-karozzi qiegħed fil-livell magħruf bħala Minus 2 (-2) (kif imfisser fl-Att Pubbliku) u aċċessibbli minn entratura komuni fit-triq li tmiss mat-Triq il-Knisja fil-Portomaso Development u li tmiss fil-Majjistral mat-triq ta' aċċess imsemmija, fil-Lbiċ mal-moll tal-Marina tal-Portomaso Development u fil-Punent u fil-Lvant mal-proprjetà tal-Portomaso Development Limited jew is-suċċessuri tagħha. L-ispazju ta' parkeġġ ikejjel madwar ħdax-il punt tnejn metri kwadri (11.2m2)*

*kif ukoll kwalunkwe proprjetà oħra li tinsab hawn Malta u li tappartjeni lill-fallut Michael Halligan, jinsab vestit fir-rikorrent nomine qua Bankruptcy Trustee.*

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Yanika Marie Bugeja u l-PL Davina Ellul Sullivan permezz ta' liema eċċepew:

*1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti.*

*2. Illi huma għad ma kellhom ebda kuntatt ma' Michael James Halligan u dan minkejja li huma diġa' ttantaw jikkuntattjaw lill-avukati tiegħu ġewwa r-Renju Unit, u dan peress li l-imsemmi jinsab inkarċerat.*

*3. Illi din il-komunikazzjoni saret rigward mandat ta' inibizzjoni numru 1609/2022 fejn l-esponenti huma kuraturi deputati wkoll.*

*4. Illi l-esponenti jirriżervaw li jipprezentaw eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun hemm il-ħtiega wara li jsir kuntatt mill-assenti rrapreżentant minnhom.*

Rat id-degriet ta'l-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef Dr. Mark Chetcuti mgħoti fit-13 ta' Jannar 2023 permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Semgħet il-provi ta'attur nomine.

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma llum meta Dr Yanika Bugeja, għar-raġuni hemm indikata, iddikjarat li m'għandhiex provi x'tipproduċi u irrimettiet ruħha għall-atti.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti mir-rikorrent nomine jidher li:

- Permezz ta' sentenza datata s-7 ta' Lulju 2021 il-County Court ta' Liverpool ġewwa ir-Renju Unit harġet Bankruptcy Order fil-konfront tal-konvenut odjern Michael James Halligan.
- Din is-sentenza ma ġietx appellata.
- Il-mandanti tar-rikorrent nomine, u ċioe Keith Jeffrey Algie u Mark John Wilson (ta' RSM UK Restructuring Advisory LLP) gew appuntati bħala l-bankruptcy trustees ta'l-intimat.
- Ai termini tal-Liġi Ingliża, li għandha tirregola dan il-falliment, u senjatament l-artikolu 306 ta'l-Insolvency Act 1986, il-propjeta kollha ta'l-intimat għaddiet taħt il-poter tal-bankruptcy trustees.
- L-intimat għandu propjeta immobbli f'Malta indikata fir-rikors promotur.

Illi aktar minn hekk u minn korrispondenża skambjata bejn l-avukati esteri ta'l-intimat u r-rikorrent nomine jidher ukoll li l-intimat mhux qed jikkontesta it-talbiet odjerni.

Ikkunsidrat

Illi skond l-artikolu 826 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *................ is-sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, jistgħu jiġu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bħas-sentenzi mogħtija f'Malta, fuq rikors b'talba biex tiġi ordnata l-esekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi.*

Illi mbaghad skond l-artikolu 827 ta'l-istess Kapitolu 12 sentenza ta' Qrati esteri ma tistax tigi ezegwita f'Malta:-

> *(a) jekk is-sentenza li taghha tintalab l-esekuzzjoni tista' tkun attakkata ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 811;*
> *(b) f'kaz ta' sentenza moghtija fil-kontumacja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaci skond il-ligi barranija;*
> *(c) jekk is-sentenza fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta.*

Illi dwar l-artikolu 826 fuq ċitat u dwar kif għandu jigi applikat, il-Qorti tal-Appell qalet hekk il-Qorti qalet hekk dwar l-inghad hekk :-: "

> *... ... meta ssir talba ghall-esekuzzjoni ta` sentenza ta` qorti estera l-indagini li trid issir mill-qorti lokali ma tridx tkun koncernata bil-mertu tal-proceduri quddiem il-qorti estera li wassal ghal dik is-sentenza ghax altrimenti l-qorti li tkun giet mitluba li taghti esekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kienux intizi bid-dispost tal-Artikolu 826 et sequitur tal-Kap. 12. F`dawn ic-cirkostanzi kull ma hu rikjest mill-Qorti ta` Malta hu li tassigura li dik is-sentenza ma tkunx, (a) tista` tigi attakkata ghal xi raguni li, skond il-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, taghti lok ghar-ritrattazzjoni a tenur tal-Artkolu 811 tal-Kap 12, (b) li f`kaz ta` sentenza moghtija fil-kontumacja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaci skond il-ligi barranija, u (c) li dik is-sentenza ma jkunx fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta` Malta*[2].

Illi aktar minn hekk il-Qorti ta'l-Appell esprimiet ruħha ukoll fis-sens li l-eċċezzjonijiet ghar-rikonoxximent u konsegwenti ezekuzzjoni ta'sentenza estera imsemmija f'l-rtikolu 827, m'għandomx jitqajjmu *ex officio* imma l-Qorti għandha tevalwa r-rekwiezieti elenkati f'l-artikolu 827 biss jekk titqajjem xi eċċezzjoni f'dak is-sens mill-partijiet.

> *Din il-Qorti ma tahsibx li, ghall-fini ta' l-artikolu 826, Qorti mitluba tesegwixxi sentenza estera, ghandha tissolleva sua sponte difiza fit-termini ta' l-Artikolu 827, ghax mhux xoghol il-Qorti li tinvestiga hi jekk hemmx xi ostakolu ghall-infurzar tas-sentenza estera*[3].

---

[2] Ref Schoeller International Gmbh vs Ellul et deċiżż f'l-10 ta' Mejju 2005.
[3] Ref Avv Dr Christian Farrugia noe vs Peter Blond International Ltd deċiża 31 ta' Ottubru 2008.

Ikkunsidrat

Illi fil-kaz in eżami mhux biss ma tqajjment l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija f'l-artikolu 827 imma, minkejja li giet preżentata nota ta' eċċezzjoniijet mill-kuraturi deputati, l-intimat mhux qed jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, u tenut kont tal-provi prodotti. il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jigu milqugħa.

Għal dawn il-motivi, fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet ta'l-intimati, tilqa t-talbiet tar-rikorrent nomine kif dedotti, b'l-ispejjez kontra l-intimati.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**Marvic Psaila**
**Deputat Reġistratur**